MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 100/2003

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Gaston Degiovanni u l-istess Gaston Degiovanni f'ismu proprju**

**vs**

**Edward Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' elf mija u disa' u tmenin lira Maltija (Lm1,189) danni mhallsa mill-attur nomine fuq il-vettura KUZ 271 assigurata comprehensive u ghal liema somma l-attur noe jinsab surrogat fid-drittijiet tal-assigurat u dan billi fil-5 ta' Dicembru 2001, gewwa s-Siggiewi l-konvenut li kien qieghed isuq il-vettura LAE 898 habat mal-vettura misjuqa mill-attur u ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda.

Fit-30 ta' Mejju 2003 zamm access fuq il-post fil-prezenza tal-partijiet u ta' l-avukati difensuri taghhom.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:-

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

[a] L-attur kien qieghed isuq vettura bin-numru KUZ 271 u kien jinsab fi Triq Hal Niklusi.

[b] Il-konvenut kien qieghed isuq il-vettura LAE 898 u kien jinsab fi Triq l-Iskola.

[c] L-incident sehh proprju fejn dawn iz-zewg toroq jiltaqghu.

2. Il-lokalita ta' l-incident tipprezenta karatteristici partikolari li jikkrejaw diffikultajiet lis-sewwieqa in kwantu proprju fejn Triq l-Iskola tiltaqa' ma' Triq Hal Niklusi, il-vizwali hija ostakolata minhabba l-bini li hemm fuq in-naha tal-lemin. Waqt l-access it-Tribunal seta' facilment josserva li l-lokalita timponi fuq is-sewwieqa l-osservanza ta' kawteli partikolari suggeriti minn sewqan prudenti w attent.

3. Il-fattur li jiddetermina kif ghandu jkun l-agir tas-sewwieqa meta jigu biex jimmanuvraw inkrocju hu l-importanza relattiva tat-toroq li jifformawha. Il-komportament ta' sewwieq ghandu jvarja skond jekk ikunx qieghed isuq f'toroq tal-istess importanza jew jekk l-inkrocju jkun format minn triq principali w ohra sekondarja. Fil-kawza fl-ismijiet **Patrick Boffa vs Olga Mifsud** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1993 inghad:-

*"Fl-isfond ta' din il-gurisprudenza kostanti li tirrifletti l-istat ta' dritt, hu car illi s-sewwieq irid jaghmel l-apprezzament tieghu tal-importanza tat-toroq li jiffurmaw l-inkrocju bl-applikazzjoni tal-elementi nozzjonali bazilari – principalment vizivi – bhal wisa' tat-toroq, il-funzjoni direzzjonali taghhom, xi traffiku jiehdu w is-surface li ghandhom. Tali apprezzament ghandu jsir l-aktar – jekk mhux esklussivament ghax altrimenti wiehed irid jobdi d-direttivi moghtija – proprju fil-kazijiet fejn ma hemmx sinjali li jindikaw l-importanza relattiva tat-toroq. Dan l-apprezzament, inoltre, irid isir fil-mument meta l-inkrocju jkun ser jigi ttraversat ghaliex l-importanza tat-toroq hi suxxettibbli li tinbidel minn zmien ghal zmien, u minn lok ghall-iehor, jekk jinbidlu c-cirkostanzi ambjentali jew ir-regolamenti tat-traffiku fl-inhawi. Jista' per ezempju, jigri li tinbidel rotta tal-karrozza tal-linja, trid tinghata l-hot asphalt jew jizdied notevolment il-volum tat-traffiku minhabba l-introduzzjoni ta' sistema ta' one way. Kollha elementi li jistghu jinfluwenzaw fuq l-importanza o meno tat-triq"*.

It-Tribunal jemmen li applikati dawn il-principji kif riportati fis-sentenza fuq citata, ma jirrizultawx elementi determinanti li jistghu jikkwalifikaw xi triq jew ohra bhala triq principali. Fil-kawza fl-ismijiet **John Gauci Maistre vs Colin Galea** [Cit. nru: 1101/90JSP] deciza fil-21 ta' Frar 1994 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, inghad:- *"biex triq titqies principali trid tkun manifestament hekk inkella d-driver ghandu jqis lilu nnifsu li mhux l-utent ta' triq principali"*.

4. Fic-cirkostanzi kien jinkombi fuq kull wiehed miz-zewg sewwieqa li jkun qed jersaq lejn l-inkrocju li jipprocedi **<u>bil-mod ferm</u>** u ma jittraversax dak l-inkrocju qabel ma jkun accerta ruhu bl-akbar cirkospezzjoni li ebda vettura ohra ma tkun riesqa hi wkoll lejn l-istess inkrocju sia fuq il-lemin kemm ukoll fuq ix-xellug. Kif intqal fis-sentenza **Carmel Bellizzi pro et noe vs Joseph Vella** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju 1976, *"sakemm ma jasalx fl-inkrocju u ma jesplorax diligentement, ebda sewwieq li jkun bihsiebu jittraversa, ma jista' jkun jaf, minn qabel, minn liema nahat u that*

*liema cirkostanzi tista' titfaccalu vettura ohra u quindi tispettax lilu jew lill-iehor, id-dritta. Kull sewwieq ghalhekk, li jonqos minn dan id-dmir tieghu ghandu jitqies li jkun ikkontribwixxa ghal kull eventwali kollizzjoni li tista' tivverifika ruhha, b'dan biss li fid-determinazzjoni tal-grad ta' htija ta' kull wiehed miz-zewg sewwieqa, li jkun naqsu t-tnejn mid-dmir prodott jista' jittiehed in konsiderazzjoni r-right of way"*.

5. Min-naha tieghu l-konvenut xehed li fil-hin ta' l-incident kien wieqaf ihares humiex gejjin vetturi mid-direzzjoni tal-lemin tieghu. Mhux l-istess jinghad fl-okkorrenza li hejja l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz [ara fol. 24], fejn jinghad li *"ix-xufier tal-vettura bin-numru LAE 898 qal li kien gej minn Triq l-Iskola, waqaf, ra li ma kien gej hadd u kif hareg l'fuq sabu go wiccu"*. Jekk kif jinghad hares u ma ra l-ebda vettura jfisser jew li ma hares xejn jew jekk hares ma kienx attent ghat-traffiku li kien gej minn fuq il-lemin tieghu.

6. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-incident meritu tal-kawza sehh ghaliex iz-zewg sewwieqa naqsu milli jiehdu l-prekawzjonijiet sabiex jesploraw it-triq u baqghu ghaddejjin minghajr ma taw kaz ta' vetturi li kienu qeghdin jilhqu l-inkrocju fl-istess hin. Skond ir-regolamenti [Art. 82 tal-Motor Vehicle Regulations – Avviz Legali 128 ta' l-1994 kif emendat bl-Avviz Legali 206 ta' 2000] l-vettura misjuqa mill-attur [bhala dik fuq in-naha tal-lemin tal-konvenut] kellha l-precedenza. Japplika ghalhekk il-principju li r-responsabbilta ghandha tinqasam in kwantu ghal zewg terzi (2/3) fuq il-konvenut u terz (1/3) fuq l-attur.

7. B'riferenza ghad-danni dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sebgha mija u tnejn u disghajn lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm792.66) bhala danni sofferti fil-vettura bin-numru KUZ 271.

L-ispejjez jinqasmu bl-istess mod bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------